L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

MALTA

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XIV

27 ta' Diċembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 123/2011

## PROJBIZZJONI TA' TIPJIP FI PLAYGROUNDS JEW ĠONNA PUBBLIĊI

Sinjuri,

Ġentilment nirreferikom għall-avviż legali 493/2011 ippubblikat fit-23 ta' Diċembru 2011 (anness).

Dan l-avviż legali jistipula li b'effett immedjat it-tipjip huwa ipprojbit fil-*playgrounds* jew ġonna pubbliċi. Għaldaqstant nitolbukom biex tieħdu ħsieb li fil-ġimgħat li ġejjin isiru tabelli f'postijiet prominenti fil-*playgrounds* jew ġonna pubbliċi, li juru li ma jistax isir tipjip f'dawn il-postijiet. L-istess tabelli jistgħu jindikaw ukoll il-multa għal min jinqabad ipejjep fil-*playground* jew ġnien pubbliku.

Permess ta' emendi oħra li saru fl-istess ġurnata l-gwardjani lokali jistgħu jinfurzaw ir-regolamenti tat-tipjip kemm tal-*playgrounds* jew ġonna pubbliċi kif ukoll f'postijiet pubbliċi fejn it-tipjip huwa ipprojbit skont il-liġi. Biex jagħmlu dan, il-gwardjani lokali jistgħu jkunu pajżana (mingħajr l-uniformi uffiċċjali). Dwar kif għandu jsir dan l-infurzar inħeġġiġkom tiddiskutu fil-Kumitati Reġjonali tagħkom.



Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)